KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11/2020

15 ta' Ottubru 2020

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

### 11.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

11.1.1 Ma kinx hemm

### 11.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

11.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 10 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

11.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana il-minuti ġew approvati unanimament

### 11.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

**10.3.A** Is-Sindku informa l-Kunsill illi l-kunsill ġab approvazzjoni formali għal 'elevated zebra crossing' fit-tarf ta' Misraħ Arċisqof Gonzi, qabel tibda Triq ix-xatt (quddiem il-każin tal-Għaqda Mużikali San Guzepp) hekk kif ġie diskuss diġa' f'seduti preċedent u maqbul illi fiż-żona ta' fejn ġejja hemm bżonn li wieħed jara x'jista' jsir minħabba raġunijiet ta' sigurta' konsegewenza ta' sewqan eċċessiv. Is-Seg Eżek ser tkun qed tieħu ħsieb iġġib il-kwotazzjonijiet neċessarji biex isir li hemm bżonn hekk skond il-proċeduri tas-soltu.

B Is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi wara laqgħat li kellhu formali kemm mal-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara kif ukoll mal-kumitat għat-tismija tat-toroq huma qablu illi jsir pjan ħolistiku fuq ismijiet ġodda ta' toroq fil-lokal. Dawn għandom isiru a bażi tal-identita' Kalkariża. Is-Sur Sindku qal ukoll illi fil- lokal hawn ħafna x'jitranġa fil-verita' pero' dan għandu jkun pjan maqsum f'fażijiet biex b'hekk ma jsirx kollox f'daqqa minħabba anke raġunijiet ta' preparament u loġistika. Għandom jiġu solvuti anomaliji ta' ismijiet fl-istess lokal qabel ma' wieħed jiddeċiedi li jagħti isem ġdid jew saħansitra jbiddel dak li hemm biex iż-żona tiġi rikonoxxuta kif suppost. Fuq nota oħra huwa ta l-informazzjoni ta' hawn taħt lill-kunsill formalment hekk kif ser jinbeda dan l-eżerċizzju fiż-żmien li ġej:

- **Sqaq Marina Numru 1 propost għal Sqaq (il-Kan.) Dun Ġużepp Azzopardi**
- **Sqaq Marina Numru 2 propost għal Sqaq Ernle Bradford**
- **Triq Marina (ħdejn Bruno Stores) propost għal Triq ir-Regatta 1969**
- **Triq Marina (id-dawra ta' Bighi) propost Dawret Fra Giovanni Bighi**

Il-kunsill qabel unanimament fuq is-suġġerimenti msemmijin bħala punti hawn fuq kif ukoll is-Sinjura Speranza Chircop saħħqet illi n-nies li joqgħodu f'dawn iż-żoni għandom jiġu nnotifikati b'dan it-tibdil biex anki minn naħa tagħhom ikunu jistgħu jieħdu nota biex jippreparaw lilhom infushom għal tibdiliet li jkunu jridu jagħmlu f'dak li jirrigwarda posta, kontijiet u affarijiet oħra.

C Is-Sindku informa l-kunsill dwar laqgħa li kellu mal-Viċi Sindku s-Sur Vince Bongailas flimkien mas-Seg Eżek mal-awtoritajiet ikkonċernati fosthom TM, Puluzija u Cleansing fir-rigward iż-żona tax-Xewkija hekk ukoll kif ġie issuġerit minn naħa tal-Viċi Sindku stess. Is-Sindku nforma l-kunsill illi mingħajr 'by law' konkreta u approvata l-ebda awtorita' ma tista' tkompli tnaddaf iż-żona jew tgħin il-kunsill biex din iż-żona tiġi rregolazizzata darba għal dejjem. Is-Sindku qal ukoll illi veru illi dan il-post ser ikun qed jiġi tranġat kif suppost f'fażi tal-proġett ta' riġenerazzjoni tax-Xatt pero' l-kunsill ma jistax jibqa' jistenna li dan isir għaliex fil-verita' l-proġett għadu fil-fażijiet tal-bidu u ż-żona qiegħeda tmur għal għar kuljum.

Il-kunsill qabel unanimament illi l-'by law' għanda tiġi reveduta biex finalment jitkompla l-proċess kif suppost biex din tiġi approvata darba għal dejjem.
Is-Seg Eżek ġiet mitluba ġġib ukoll xi 'by laws' ta' lokalitajiet oħra bħala eżempju biex wieħed ikollu gwida u bażi fuq xiex jaħdem.

D 1 Is-Sur Sindku informa l-kunsill dwar email li rċieva l-kunsill formalment minn naħa tad-dipartiment tal-kunsill fejn resident Kalkariż kien qiegħed jilmenta fuq żebgħa safra quddiem garaxxijiet li hemm fl-inħawi ta' Triq il-Barklor u Triq is-Sibi fejn dan l-istess resident qiegħed jilmenta / jissuġġerixxi illi hemm bżonn li wieħed jieħu ħsieb il-parkeġġi f'dawn l-akkwati għaliex qed ikun hemm nuqqas fil-verita'.

Filwaqt illi s-Sinjura Speranza Chircop saħħqet illi xi kultant il-markings mal-art inaqqsu l-parkeġġi fil-verita' l-għaliex la darba ma jkunx hemm gwida forsi bi ftehim bejn ir-residenti li jkunu joqgħodu fiż-żona wieħed ikun jista' jillapazza bil-parkeġġ pero' bis-sinjali hemm lokk ukoll illi jinqalgħu ċitazzjonijiet, il-kunsill qabel illi din il-korrespondenza għandha tintbgħat lill-TM biex wieħed jieħu gwida teknika ta' x'jista' jsir aħjar fiż-żona.

D2 Is-Sur Sindku staqsa lill-membri tal-kunsill li kienu ilhom eletti ħafna aktar minnhu fuq liema passi qed jimxi meta bniedem ikollu bżonn jaqla' xi dawl mill-faċċata tiegħu li jaqa' taħt ir-responsabbilta' tal-istess kunsill.

Is-Seg Eżek infurmat il-kunsill illi dawn ikunu każi rari pero' meta jkollhom rikjesti bħal dawn il-kunsill ma jħallasx tax-xogħol li jkun irid isir biex tinqala' u eventwalment terġa' titweħħel din l-istess bozza. Hija dejjem ġiet iggwidata hekk anka minn amministrazzjoni preċedenti. Fuq nota oħra s-Seg Eżek żiedet tgħid illi

fil-verita fil-liġi m'hemm xejn ikkonfermat u saħansitra kellmet kunsilli oħra biex tieħu idea fuq din is-sitwazzjoni u qalet illi kull kunsill qisu jimxi bil-passi tiegħu.

Il kunsill talab lis-Seg Eżek tieħu parir legali kif ukoll titkellem id-dipartiment fuq din il-kwistjoni biex il-kunsill ikollu gwida ċara fuq din il-kwistjoni.

E Is-Sindku nforma l-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin hu fimkien mas-Seg Eżek ser ikunu qiegħedin jiffirmaw MOU mal-Fondazzjoni għat-tisħiħ tas-soċjeta mmexxija mil-President Emerituta s-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca. Huwa spjega illi l-Kalkara intgħażlet fost 7 lokalitajiet oħra biex isir/ jittranġa post pubbliku fil-lokal. Huwa tikellem ukoll illi kien hemm problema fuq ġnien partikolari fejn din il-Fondazzjoni tefgħet għajnejha fuqu meta fl-istess ħin huwa bħala Sindku diġa' kellu laqgħat ma' nies oħra li qed jaħdmu fuq l-embelishment ta' dan l-istess ġnien b'hekk wieħed irid isib post alternattiv biex dan il-proġett ikun jista' jsir. Huwa qal illi l-firma fuq l-MOU m'hijiex firma fuq il-post fejn ser isir perse pero' huwa just commitment illi l-kunsill ser ikun qed jagħmel ma' din il-Fondazzjoni biex dan il-proġett ikun jista' jsir. Il-post ta' fejn ser isir u aktar informazzjoni korretta ser tkun qed tingħata lill-kunsill hekk kif ikun hemm ideat ċari biex dan ikun jista' jsir.

11.4.a Is-Sindku talab lill-kunsill jaħseb f'żoni jew triq partikolari bħala ideat ta' fejn wieħed jista' jieħu fil-konsiderazzjoni tiegħu biex ikun jista' jitkompla l-proġett slow streets dan wara illi għarrafom illi l-paper work ġie ffinalizzat u intbgħat kemm lir-Reġjun Xlokk kif ukoll lill-AKL peress li ser ikunu huma li ser imexxu dan l-proġett. Huwa saħaq li wieħed għandu jagħti ideat li jagħmlu sens u li huma vijabbli fil-ġranet li ġejjin biex b'hekk jiġu diskussi mill-kunsill stess għal darb'oħra biex finalment ikun hemm qbil.

11.4 b Is-Sindku informa l-kunsill dwar il-fatt illi ma kienx hemm bżonn jinġiebu kwotazzjonijiet biex jinbiddlu l-pjanti mejtin fil-planters madwar il-lokal hekk kif ġie diskuss fis-seduta preċedenti u finalment maqbul il-għaliex sadanittant żviluppatur fil-lokal ġie ordnat mill-mepa jagħti donazzjoni ta' 48 siġra lill-komunita' Kalkariża fejn bla telf ta' żmien huwa ssuġġerixxa li dawn għandom jinħawlu fil-planters li fil-preżent huma vojta, dan wara li ħa l-parir u l-gwida tal-ġardinara tal-istess kunsill illi dawn is-siġar li ser jingħataw lill-komunita' huma tajbin biex jinżergħu fil-planters li għandna aħna.

**11.4.c** Is-Sindku nforma l-kunsill illi l-camera li kellna mweħħla fi ħdan l-uffiċini tal-kunsill tressqet aktar il-barra mal-binja stess biex b'hekk tkun tista' taqbad ir-rimi ta' skart illegali fiż-żona wara li tneħħiet l-iskip. Is-Sindku informa wkoll lill-kunsill illi exemption tax-Xatt għal 15-il minuta quddiem iz-zuntier tal-knisja qiegħeda fil-proċess u minn informazzjoni li għandu hu s'issa ser tiġi approvata għal benefiċċju ta' min jinżel jixtri mix-Xatt kif ukoll għal vannijiet li joffru delivery service fil-lokal.

Din l-eżentazzjoni hija applikabbli biss la darba ma jkun hemm funzjonijiet bħal tiġijiet jew funerali biex wieħed jagħmilha ċara.

**11.4 d** Is-Sindku nforma l-kunsill illi finalment is-Seabin ser ikun qed jaħdem fil-ġranet li ġejjin wara li jiġu rranġati affarijiet żgħar minn naħa tan-nies tekniċi minn naħa tal-kumpanija żibel. Il-kunsill ħa ħsieb jirranġa l-affarijiet li kien hemm bżonn permezz ta' electrician kif ukoll tal-ħaddiema tal-kunsill stess biex dan ikun jista' jibda jintuża u jinġabar skart mormi u miġmuh fil-baħar in-naħa tax-Xatt tal-Kalkara.

11.4.e Is-Sur Sindku nforma illi kif diġa' ġie mifhmum fil-ġranet li għaddew din is-sena l-vaċċin tal-influwenza l-kunsill ma kellux essaċċ x'jaqsam mal-preparazzjoni jew booking tagħha perse l-għaliex il-Kura Primarja ser tkun qed tieħu ħsieb kollox hi saħansitra bl-istaff tagħha ġewwa l-berġa tagħna. Inħarġu wkoll dati stipulati ta' meta ser tingħata din il-vaċċin ġewwa l-lokal tal-Kalkara.

11.4.f Dan il-punt diġa' ġie diskuss fil-punti preċedenti diskussi waqt din is-seduta stess..

11.5 A1 Is-Sur Viċi Sindku Vince Bongailas talab lis-Sindku jerġa' jkellem il-koordinatur tal-proġett ta' Bighi l-għaliex it-taraġ li qabel kien jintuża' mir-residenti Kalkarizi ilu magħluq għal aktar minn 3 snin issa u tajjeb li wieħed ikollu ħjiel meta dan ser jerġa' jinfetaħ.

11.5 A2 Is-Sur Bongailas talab il-kunsill jibdel il-post ta' doggy bin li hemm Triq Sptar Navali fil-preżent biex jitressaq aktar lejn Triq Luigi Pisani biex jiġi milħuq minn akwata ikbar..

11.4 a3 Is-Sur Bongailas talab il-kunsill jieħu fil-konsiderazzjoni tiegħu l-bir li hemm fi Triq Sptar Navali fejn ħafna karozzi laqtuh b'konsegwenza li jagħmlu l-ħsara kif ukoll il-ħaddiema tal-kunsill sewwew kemm il-darba, huwa saħaq illi apparti li tajjeb li dan il-bir jimtela' bl-ilma biex jintuża għal konvenjenza tan-nies li joqgħodu fiż-żona wieħed għandu wkoll ineħħi l-ħirża biex dan jiġi ċatt mal-art biex jitnaqqsu inċidenti kif ġieli ġraw. Is-Seg Eżek qalet illi dan il-bir ma jaqax taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill u ser tkun qed tara taħt liema entita' jaqa' biex jiġu ssuġeruti l-punti li spjega s-Sur Bongailas hawn fuq qabel ma wieħed jagħmel alterazzjonijiet fuq l-istruttura.

B1 Is-Sinjura Sultana ġibdet l-attenzjoni fuq il-gandott li infetaħ Triq Missjoni Taljana għal xhur twal biex il-kunsill jieħu ħsieb li dan isir illum qabel għada l-għaliex issa l-istess gandott qiegħed l-isfel hafna bil-konsegwenza li l-karozzi qed jagħmlu l-ħsarat. Is-Sindku qal illi din il- kwistjoni diġa' kien spjega f'seduti

preċedenti fejn hu stess kellu laqgħat kemm mal-kuntrattur kif ukoll mal-korporazzjoni tal-ilma l-għaliex dan huwa proġett tagħhom fejn hu ġie ggwidat li l-aħjar illi jingħalaq l-ewwel il-gandott ta' Triq Santu Rokku qabel dak ta' Triq Missjoni Taljana u nfurmat ukoll li dan ix-xogħol ser ikun qiegħed jiġi konkluż fil-ġranet li ġejjin la darba ma jinqalawx komplikazzjonijiet.

C1Is-Sinjura Chircop qalet illi hemm bżonn li jsir xi tip ta' 'railing' jew 'bollard' fil-kantuniera bejn Triq Anglu Agius ma' Giovanni Ricasoli minħabba illi l-bankina ta' dik l-akkwata qiegħeda tiġi tranġata mill-ħsara li qed jagħmlu trakkijiet li jitilgħu fuqha kull darba mir-residenti stess.

c3 Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill illi l-ħarġa li kellha skedata ġiet ikkanċellata u ser tkun qed tippjana oħra lejn l-aħħar ta' Ottubru mill-miżuri kollha neċessarji minħabba l-pandemija tal-Covid 19 fil-preżent.

C4 Is-Sinjura Speranza Chircop immarkat illi wasal iż-żmien li wieħed jibda' jaħseb għal Jum il-Kalkara 2020. Is-Sindku saħaq illi wieħed irid jara sewwa kif ser issir minħabba s-sitwazzjoni preżenti visavi l-Covid 19 pero' hu kien diġa' skeda meeting mas-Seg Eżek biex jiġu diskussi loġistiċi bażiċi biex wieħed jara' x'jista' jagħmel aħjar.

.

**11.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**11.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**11.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 10.20

**11.7 Mozzjonijiet**

11.7.1 Ma kienx hemm

**11.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

11.8.1 Is-Seduta ntemmet fis-6:30 pm. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-11 ta' Novembru 2020 fl-4:00 pm.

Konfermati, illum ______________________________

______________________
**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________
**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv